MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 52/2006

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors gurament ipprezentat fis-27 ta' Frar, 2006 li permezz tieghu A esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfermat:

1. Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fl-4 ta' Novembru, 2002, mil-liema zwieg huma ghandhom zewgt itfal ossija Y ta' tlett snin u Z ta' sentejn.

2. Illi fil-25 ta' Mejju 2004 permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Maria Briffa, il-kontendenti llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti u addottaw is-separazzjoni tal-assi (Dok. A).

3. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fis-27 t'Ottubru 2005 fl-ismijiet: A maghrufa bhala A vs B(Citaz numru 214/04RCP), iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti gie dikjarat null u bla effett (Dok. B).

4. Illi b'digriet moghti fit-12 ta' Dicembru 2005, il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fdat il-kura u kustodja tal-minuri Y u Z f'idejn l-esponenti ommhom, kif ukoll ordnat lill-intimat jissomministra retta alimentari lill-esponenti kwantu ghal sebghin lira Maltin (Lm70.00c0) fix-xahar bhala manteniment ghaliha u kwantu ghal hamsin lira Maltin (Lm50.00c0) fix-xahar ghaz-zewg itfal minuri (Dok. C).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. Tafda l-*patria potestas* u kura u kustodja tal-minuri Y u Z esklussivament f'idejn l-esponenti ommhom.

2. Tordna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti manteniment ghaliha kif ukoll versu l-minuri Y u Z, f'dik is-somma stabbilita mill-Qorti.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi;

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u ta' ommha u dawk tax-xhieda li gew prodotti fil-kawza fl-istess ismijiet deciza fis-27 ta' Ottubru, 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob konferma tad-digriet ta' din il-Qorti moghti fit-12 ta' Dicembru, 2005 meta l-Qorti laqghet it-talbiet taghha u tatha l-kura u kustodja tat-tfal minuri msemmija fir-rikors u l-manteniment imsemmi ukoll fir-rikors.

Illi ma jidhirx illi nbidel xi fattur importanti fil-hajja tal-partijiet minn dakinhar u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex taderixxi ghat-talbiet taghha. Il-konvenut kif gia' inghad ma ressaqx provi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u;**

**1. tafda l-*partia potestas* u kura u kustodja tat-tfal minuri Y u Z esklussivament f'idejn ir-rikorrenti A.**

**2. tikkundanna lill-intimat biex ihallas bhala manteniment is-somma ta' sebghin Lira Maltin (Lm70) fix-xahar lir-rikorrenti u hamsin Lira Maltin (Lm50) lill-istess rikorrenti bhala manteniment ghat-tfal imsemmija;.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------